MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 376/2014

**Sidonia Enterprises Limited [C-7477]**

**Vs**

**Riviera Resort Limited [C-23519]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf u erbgha u sebghin euro u żewġ ċenteżmi ta' euro [€1,074.02c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Qieghda tintalab is-somma ta' elf u erbgha u u sebghin Ewro u żewġ ċenteżmi (Euro 1,074.02) rappreżentanti l-ammont dovut mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta ntimata. Dan l-ammont ta'

€1,074.02 ghadu ma thallasx mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti minkejja li s-socjeta ntimata ġiet interpellata taghmel dan u kien ghalhekk li kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta sal-pagament effettiv u bl-ispejjez ġudizzjarji relattivi ghal din it-talba, nkluż ta’ l-ittra uffiċjali, ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta illi s-socjeta attriċi diġà ntavolat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Ittra Ufficjali Numru 2359/13 – kontra s-socjeta intimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni”.

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fis-26 ta’ Gunju, 2014 u li ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota ta’ ammissjoni mressqa mis-socjeta intimata nhar l-14 ta’ Lulju, 2014.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta’ €1,074.02c rapprezentanti din is-somma prezz ta’ merkanzija mibjugha mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta ntimata ammettiet it-talba tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk, in vista ta’ din l-ammissjoni, t-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf u erbgha u sebghin euro u żewġ ċenteżmi ta’ euro [€1,074.02c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba ai termini tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq dan l-ammont li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ meta kienu dovuti l-ammonti reklamati mis-socjeta rikorrenti sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluż dawk ta’ l-ittra uffiċjali numru 2359/13, huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------